

IL-QORTI ĠENERALI

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2019 – KF vs SATCEN

(Kawża T-619/19 R)

("Deċiżjoni li titnieda investigazzjoni amministrattiva – Talba għas-sospensjoni ta' deċiżjoni – Talba għal miżuri provviżorji – Inammissibbiltà – Nuqqas ta' urġenza")

(2020/C 87/24)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: KF (rappreżentanti: A. Kunst, avukat u N. Macaulay, barrister)

Konvenut: Iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Guillerme, aġġent)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tad-direttur taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Lulju 2019 li jerġa' jiftaħ investigazzjoni amministrattiva kontra KF.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Diċembru 2019 – Multi-Service vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-873/19)

(2020/C 87/25)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Multi-Service S.A. (Kwidzyn, il-Polonja) (rappreżentant: P. Jankowski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ARES (2019) 6103796 tat-3 ta' Ottubru 2019 fir-rigward tal-istadju li tinsab fih l-inklużjoni fir-Reġistru konformement mar-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/661, Registry ID 9920, u l-inklużjoni mill-ġdid tal-impriżza fir-Reġistru;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż,
- tilqa' bħala prova l-ittra tat-23 ta' Ottubru 2019.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed.

Hija tinvoka l-ksur, min-naħa tal-konvenuta, tal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 517/2014 flimkien mal-Artikolu 6 tar-Regolament ta' Implantazzjoni 2019/661, billi annullat b'mod infondat l-inklużjoni fir-Reġistru tal-impriża rikorrenti tal-idrofluworokarburi (HFCs).

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Diċembru 2019 – GABO:mi vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-881/19)

(2020/C 87/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: GABO:mi Gesellschaft für Ablauforganisation:milliarium mbH & Co. KG (München, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. Mayer, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tordna lill-konvenuta tħallas EUR 1 680 681,82 flimkien mal-interessi fl-ammont ta' EUR 76 552,60 lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-obbligu tal-konvenuta li tirrimborsa l-ispejjeż eliġibbli.

- Ir-rikorrenti kienet tipprodi s-servizzi tagħha taħt is-Sitt u s-Seba' Programm Qafas. Bejn l-1 ta' Awwissu 2015 u t-30 ta' April 2016, ir-rikorrenti kienet qiegħda taħdem fuq total ta' 37 proġett ta' riċerka. Mill-1 ta' Mejju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2016, ir-rikorrenti provdiet is-servizzi tagħha f'total ta' 38 proġett ta' riċerka. L-ispejjeż kollha sostnuti matul dawn il-perijodi jissodisfaw il-krriterji għall-elgħibbli stabbiliti fil-ftehimiet ta' għotja konklużi bejn il-partijiet (Artikolu II.14.1). Dawn l-ispejjeż għadhom ma ġewx irrimborsati mill-konvenuta. Il-konvenuta għandha l-obbligu li tirrimborshom skont il-ftehimiet ta' għotja.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq fuq il-fatt li l-kumpensi għall-perijodu minn Awwissu 2015 sa April 2016 huma ineffettivi.

- Il-kumpensi għall-perijodu minn Awwissu 2015 sa April 2016 huma ineffettivi skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża dwar l-insolvenza. Fir-rigward tal-ammont parżjali ta' EUR 274 248,27, l-impossibbiltà li l-kumpensi jiġu invokati għat-talbiet tar-rikorrenti tirriżulta mit-tielet sentenza tal-Artikolu 95(1) tal-Kodiċi dwar l-Insolvenza Ġermaniż (iktar 'il quddiem l-“InsO”). Fir-rigward tal-kumpensi li jikkonċernaw il-bqija fl-ammont ta' EUR 1 144 394,33, skont is-sentenza tal-25 ta' Settembru 2018, *GABO:mi Gesellschaft für Ablauforganisation:milliarium mbH & Co. KG* vs Il-Kummissjoni (T-10/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:600), il-kumpens huwa meqjus ineffettiv b'riżultat tat-tielet sentenza tal-Artikolu 96(1) tal-InsO, moqrija flimkien mal-Artikolu 133 (1) tal-InsO (verżjoni preċedenti tal-liġi).